## "ALLA TAL-HNIENA"

*Tal-qlub għarriexi taf kull ħsieb li jgħaddi*
*Minn moħħ ta' l-inqas wieħed;*
*Int taf dgħufitu;*
*'Ma taf ukoll li xewqtu kbira, kbira;*
*Li le ma jafx għemilu –*
*Għaliex jekk jaf*
*Jara kif jagħmel jaħrab*
*Dak li hu mgħawweġ li telliflu triqtu,*
*F'riġlejk sogħbien jintasab*
*W il-maħfra tiegħek*
*Jittallab.*

*Tal-qlub għarriexi, tara qlub maqsuma,*
*Bi rwiefen imħarbtin –*
*Tar'hom iqumu,*
*Tar'hom jerġgħu imilu,*
*Mill-ġdid iqumu*
*B'ħarsa miksura għajjiena,*
*B'ħaddejhom mixrubin*
*Fuq ġbinhom għelm il-ħerba ir-raddiet*
*Tal-ħalel qliel minquxa,*
*U fuq xofftejhom karba sa mill-qiegħ*
*Qalbek jinfdulek*
*Li għax ħanina w tagħder*
*Taf tifhem;*
*Int driegħek biex tweżinhom*
*U trossbom miegħek*
*Malajr tnewlilhom.*

*Tal qlub il-għaxqa fit-tgħanniq tintilef*
*Ma' min erfajt,*
*U qalb ma' qalb taħbita waħda jħabbtu*
*U sħana waħda jħossu,*
*Il-hemm, il-għelt tnessih minn fejn inġabar*
*Ġrieħu b'demmek maħsula,*
*F'għajnejh mill-ġdid ileħħ id-dawl tal-hena,*
*Fuq ġbinu għelm il-paċi,*
*ħaddejh mixgħula b'dik l-imħabba ġdida*
*Li żgur ma titmegħikx,*

*U minn ġo fommu, minn qiegħ qalbu toħroġ*
*L-għajta ta' radd il-ħajr:*
*"Alla tal-ħniena!"*

14.ii.63 BR. BERNARD MALLIJA, S.J.

RWIEFEN

*Bir ir-Ruħ għamieq għaxar muntanji*
*U sitt widien wil-qiegħ ma jintlaħaqx*
*Ġo l-irdumijiet ta' ruħi*
*Bħal ġozz ta' ġebel miexi.*
*Jixxabbtu u jiġġarrfu maqbudin*
*Fl-infib mudlam ta' rjieħ,*
*Jinbarmu bħal belliegħa f'bir ir-ruħ*
*Erwieħ mitlufa mingħajr xaqq ta' dawl*
*Iduru dawra mejt ma jaqtgħu qatt*
*FL-ETERNITA ...*

*Ittawwalt ġo ruħi bħal min jittawwal ġo bir fond,*
*Niżżilt rampil u minnu dlonk tellajt*
*Dak kollu li ż-żmien xeħet ġewwa fih;*
*Imbagħad għalaqt għajnejja għax twerwirt*
*X'ħin rajt maħmuġ bil-ħama kull ma kien.*
*Tlaqt ir-rampil u kollox reġa' waqa'*
*Ċluff ... ċluff*
*Bħal ġisem mejjet mitfugħ*
*Ġo bir.*

*Subgħajja jħottu l-ħjut ta' kobba mħabbla,*
*Qawsalla lwien, kull ħajta hi memorja*
*Ta' ferħ jew għali li xi darba mlieli qalbi.*
*Dawwart ma' sebgħi ħajta twila ħadra;*
*L-aħdar tat-Tama, żmien li għadu ġej.*
*Hasseit xi ħadd jislitha minn ġol-kobba.*
*Harist u fhimt: Kien Alla jgħinni nħott il-kobba mħabbla.*
*Tgħid sema' talbi?*

8.12.64 Ġ. AQUILINA